TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 73/10

**Dennis Schembri**

**vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd. – Centro Casalinga**

Illum 16 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' tliet mija u tlieta w għoxrin ewro (€323), rappreżentanti prezz ta' television peress li kien qed jagħmel ħoss insopportabli.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara television li wara ftit beda jagħmel xi ħsejjes.

Is-soċjeta' intimata kienet bidlet it-television, pero' anke t-tieni television beda jagħmel xi ħsejjes.

It-Tribunal ordna li t-television jiġi ippreżentat quddiem it-Tribunal biex isir bħala test, u rriżulta li t-Tribunal ma sema' l-ebda ħsejjes li jistgħu jkunu ta' xi inkonvenjenza.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888